TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Christian Mifsud

Vs

Kind's Autosales Limited (C491)

CCT 58/25/MS

10 ta' Dicembru 2025

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent prezentat fit-12 ta' Marzu 2025 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallsu l-ammont ta' hames telef u mitejn euro (€5200.00), prezz ta' *scooter* mixtri minghand is-socjeta' intimata, liema *scooter* zviluppa hsarat ftit xhur wara li nxtara, liema hsarat qatt ma gew rizolti min-naha tas-socjeta' intimata nonostante diversi interventi min-naha taghha, kif spjegat ahjar fl-avviz tat-talba.

Ra risposta tas-socjeta' intimata fejn cahdet it-talbiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u qalet illi l-mutur mertu tal-kaz huwa tajjeb ghall-uzu li ghalih huwa intenzjonat u l-kwistjonijiet kollha relatati mal-batterija gew indirizzati min-naha taghha, u jekk kien hemm hsara dik kienet *'manufacturer recall'* u r-rikorrent inghata batterija ohra. Qalet ukoll illi ma tistax tinzamm reponsabbli ghal kwalunkwe uzu hazin min-naha tar-rikorrent.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta mill-provi li f'Settembru 2024 ir-rikorrent xtara *electric vehicle* minghand is-socjeta' intimata ghall-prezz ta' €5,200 (ara ircevuta datata 23 Settembru 2024 u invoice datat 19 ta' Settembru 2024). Dan l-ammont ma kienx jinkludi l-prezz tat-*top box*. Ir-rikorrent ighid illi wara ftit granet biss, innota hoss gej min-naha ta' wara tal-mutur u fl-17 ta' Ottubru 2025 ha l-mutur ghand Kinds Servicing Department ghall-ewwel darba. Pero'

inqas minn xahar wara, fil-bidu ta' Novembru kellu jerga' jiehu l-mutur ghandhom minhabba problema ohra li nqalghet apparti l-hoss li kien ghadu hemm.

Ghalkemm id-disc brake gie mibdul, il-problema tal-hoss ippersistiet u fuq il-problema tal-batterija qalulu illi kellu jistenna hames gimghat sakemm jigu r-replacement parts minn barra. Fil-bidu ta' Jannar 2025 meta kien ghadu ma rcieva xejn minghand is-socjeta' intimata huwa cempel u ghamulu appuntament ghal 21 ta' dannar 2025, pero' gara illi fit-8 ta' Jannar 2025, il-mutur waqaf jahdem ghal kollox u kellu jerga' jittiehed ghand Kinds ghat-tielet darba (pero' din id-darba gie towjat) . F'dan l-istadju iddecidew illi jibghatu l-batterija barra u qalulu li dan kien ser idum erba' xhur. Ipprovdielu batterija ohra bhala *replacement.* Pero' ftit wara, fid-29 ta' Jannar kellu jerga' jiehu l-mutur ghand Kinds minhabba *engine fault* u fi Frar kien hemm hsarat ohra li wassluh biex jitlob rifuzjoni tal-ammont li kien hallas. Dan gie irrifjutat min-naha tas-socjeta' intimata li baqghu joffru li jsewwu l-problema. Ir-rikorrent qed jitlob l-ammont ta' €5,200.00 u dan nononstante l-fatt illi hu hallas €170.00 ghal *top box* kif ukoll il-fatt illi ha jkollu jrodd lura hamsa u sebghin fil-mija (75%) tal-grant illi hu rcieva mit-Transport Malta.

Ili xehed ukoll Udeshin Pillay, min-naha tas-socjeta' intimata illi kkonferma illi l-mutur kellu hsarat izda wara diversi tentattivi biex jsewwu l-problema, meta hu ghamel kuntatt mal-manifatturi qalulu illi seta' kien 'software glitch' u r-rikorrent kien irrifjuta illi jerga' jiehu l-mutur lura wara li huwa baghat email f'Lulju 2025.

Ikkunsidra

Ili l-artikolu 73 tal-Kap 378 jistipola illi oggett ghandu jigi kkunsinnat konformi mal-kuntratt tal-bejgh, b'mod li jkollu, fost affarjiet ohra, l-funzjonalita' rikjesta. Illi f'kaz ta' nuqqas ta' konformita' l-konsumatur ghandu jkun intitolat illi l-oggett jingieb f'konformita' permezz ta' tiswija, sostituzzjoni, tnaqqis fil-prezz jew terminazzjoni tal-kuntratt.

Imbaghad, l-artikolu 75(2) ighid illi t-tiswijiet ghandhom jitwettqu fi zmien ragjonevoli mill-mument li l-bejjiegh ikun gie infurmat mill-konsumatur dwar in-nuqqas ta' konformita, u minghajr inkonvenjent sinifikanti ghall-konsumatur, filwaqt li jitqiesu n-natura tal-oggetti u l-iskop li ghalih il-konsumatur kellu bzonn l-oggetti.

Ikkunsidra

Illi ma jistax ikun hemm dubju illi l-konsumatur ghamel minn kollox biex jipprova jgib l-oggett in konformita' u baqa' jissaporti sal-ahhar, anke quddiem it-Tribunal stess, u ta l-bejjiegh l-opportunita' illi jgib l-oggett in konformita'. Pero' hemm limitu ta' kemm - il darba oggett ghandu jigi msewwi, iktar u iktar meta dan huwa oggett gdid u meta tali tiswija huwa ta' inkonvenjent ghal konsumatur, iktar u iktar meta si tratta ta' *vettura jew scooter*,

haga illi jintuza kuljum u li huwa indispensabbli ghal dak li jkun u fejn hsarat jistghu jkunu ta' periklu.

Illi l-artikolu 74(3)(b) jistipola li jekk in-nuqqas ta' konformita' jippersisti minkejja li l-bejjiegh ikun prova jgib il-prodott f'konformita', allura l-konsumatur ghandu jkollu d-dritt jitlob it-terminazzjoni tal-kuntratt.

Illi fic-cirkostanzi, anke peress illi ghaddiet iktar minn sena minn meta nxtrat, it-Tribunal jidhilru illi ikun ahjar kemm ghal konsumatur kif ukoll ghal bejjiegh li l-kuntratt tal-bejgh jigi terminat u l-bejjiegh ikun jista' jiehu lura l-mutur.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna s-socjeta' intimata thallsu l-ammont ta' hames telef u mitejn euro (€5,200.00). Bi dritt tas-socjeta intimata li tiehu lura l-mutur wara li jsir il-hlas.

**Dr Michela Spiteri, LL.D.**

**Arbitru**